**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Alexandra Mamo)**

**vs.**

**Mark Anthony Ferris**
**Michael Debono**
**Josef Cassar**

Numru: 255/2004

Illum 16 ta' Ottubru 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta':

**Mark Anthony Ferris**, ta' wiehed u tletin (31) sena, bin Anton u Maria Dolores neé Pizzuto, imwieled Attard fl-10 ta' April 1972 u resident 'Dave', Triq Sir Temi Zammit, Tarxien, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 247272(M),

**Michael Debono**, ta' tlieta u tletin (33) sena, bin Nazju u Carmen neé Borg, imwieled Qormi fit-12 ta' Jannar 1970 u residenti 'The Cottage', Triq Guzè Galea, Hamrun, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 51170(M)

u

**Josef Cassar**, ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, bin Saviour u Catherine neé Grech, imwieled Pietà fis-27 ta' Settembru 1981 u residenti 'Joephil', Triq Guzè Galea, Qormi, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 545981(M),

akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin u cioé fis-6 ta' Gunju 2001 u/jew f'xi zmien qabel jew wara din id-data:

a. sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza lill-Ufficjali tad-Dwana gewwa Hal Far Groupage, jew taw taghrif falz, bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fis-6 ta' Gunju 2001, it-tlieta li huma u Michael Debono f'ismu proprju, u kif ukoll fil-kapacita' tieghu ta' Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' MD Trucking Limited, bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta' Malta, xjentement, ittentaw jaharbu d-Dazju tas-Sisa, kif ukoll it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT), dovuta u/jew xi ligi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni, billi flimkien u bil-kooperazzjoni ta' persuni ohra, ghinu jew kellhom b'xi mod x'jaqsmu billi bil-qerq setghu jigu mwarrba jew irtirati kontra l-ligi l-oggetti li jidhru fin-Nota ta' Qbid Numru 7/2002 minn Hal Far Groupage Complex, minghajr ma kien sar l-ezami taghhom mill-Ufficjal inkarigat tad-Dwana, u mhux bl-awtorita' jew taht is-sorveljanza ta' dan l-Ufficjal, u aktar talli ukoll fl-istess gurnata, post u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom, gew fil-pussess, zammew, hbew u/jew xjentement hallew jew ittolleraw, jew gieghlu jew fittxu li jigu milqugha,

mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu fil-garr, twarrib, depozt jew habi tal-oggetti in kwestjoni;

**<u>LIL MARK ANTHONY FERRIS wahdu</u>** talli wkoll fl-istess gurnata, post u cirkostanzi, bhala persuna responsabbli mill-bond tad-ditta MD Trucking Limited, xjentement, ghen jew kellu b'xi mod iehor x'jaqsam billi ghamel dikjarazzjoni jew issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument jew informazzjoni, li, bid-dehan tieghu kien falz f'dettall sostanzjali u dan kemm fir-rigward id-dokument tad-Dwana Form 1C, billi naqas li jiddikjara x-xorb in kwistjoni u kif ukoll fir-rigward il-hrug tal-*Gate Pass Out* ghan-nom ta' l-istess ditta, liema *Pass* kien juri *Tiles* minflok xorb, li kien importat fit-*trailer* bin-Numru TR394;

**<u>Lil MICHAEL DEBONO wahdu</u>** f'ismu proprju, u kif ukoll fil-kapacita' tieghu ta' Direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta' MD Trucking Limited, talli wkoll fl-istess gurnata, post u cirkostanzi, u/jew fil-granet ta' qabel, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument jew informazzjoni, li, bid-dehan tieghu kien falz f'dettall sostanzjali billi naqas li jiddikjara x-xorb in kwistjoni fuq id-dokument tad-Dwana Form 1C u dan ghaliex ma kienx preciz f'xi haga sostanzjali dwar l-oggetti kollha li kienu gew importati fit-*trailer* bin-Numru TR394;

Dan ix-xorb, li l-importazzjoni tieghu hija pprojbita u/jew ristretta, ghandu valur totali ta' Lm5,444.16,0 u Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal-Lm13,055.28,0 u Lm2,774.91,6 rispettivament, fejn liema, d-Dazju tas-Sisa u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma kienux gew imhallsa u/jew kwatelati.

Dan bi ksur ta' l-Artikoli 8B (2), 18, 60 (a) (b) (c) (d) (e) (k), 62 (a) (b) (c) (e) (f) (g) (h) (i) (k) (m), paragrafu (a) tal-Proviso ta' Artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37), kif ukoll l-Artikolu 18A(1) tal-Att dwar id-Dazji ta' l-Importazzjoni

(Kapitolu 337), kif ukoll l-Artikoli 16(j) (1) u 17 ta' l-Att XVI ta' l-1995 dwar id-Dazju tas-Sisa, tal-Ligijiet ta' Malta.

c. f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, it-tlieta li huma u cioé Josef Cassar, Mark Anthony Ferris u Michael Debono f'ismu proprju, u kif ukoll fil-kapacita' tieghu ta' Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' MD Trucking Limited, bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta' Malta, xjentement, ittentaw jaharbu id-Dazju tas-Sisa, kif ukoll it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT), dovuta u/jew xi ligi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni, billi flimkien u bil-kooperazzjoni ta' persuni ohra, ghinu jew kellhom b'xi mod x'jaqsmu billi bil-qerq setghu jigu mwarrba jew irtirati kontra l-ligi l-oggetti li jidhru fin-Nota ta' Qbid Numru 7/2002, minn Hal Far Groupage Complex, minghajr ma kien sar l-ezami taghhom mill-Ufficjal inkarigat tad-Dwana u mhux bl-awtorita' jew taht is-sorveljanza ta' dan l-Ufficjal, u aktar talli ukoll fl-istess gurnata, post u cirkostanzi, xjentement, laqghu ghandhom, gew fil-pussess, zammew, hbew u/jew xjentement hallew jew ittolleraw, jew gieghlu jew fittxu li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta' l-oggetti in kwestjoni;

**LIL MARK ANTHONY FERRIS wahdu** talli wkoll fl-istess gurnata, post u cirkostanzi, bhala persuna responsabbli mill-bond tad-ditta MD Trucking Limited, xjentement, ghen jew kellu b'xi mod iehor x'jaqsam billi ghamel dikjarazzjoni jew issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument jew informazzjoni, li, bid-dehan tieghu kien falz f'dettall sostanzjali, u dan kemm fir-rigward id-dokument tad-Dwana Form 1C, billi naqas li jiddikjara x-xorb in kwistjoni, u kif ukoll fir-rigward il-hrug tal-*Gate Pass Out* ghan-nom ta' l-istess ditta, liema *Pass* kien juri *Tiles* minflok xorb, li kien gie importat fit-*trailer* bin-numru TR394;

**LIL MICHAEL DEBONO wahdu** f'ismu proprju, u kif ukoll fil-kapacita' tieghu ta' Direttur ghan-nom u in rapprezentanza

tas-Socjeta' MD Trucking Limited, talli wkoll fl-istess gurnata, post u cirkostanzi, u/jew fil-granet ta' qabel, xjentement, ghamel dikjarazzjoni jew issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument jew informazzjoni li bid-dehan tieghu kien falz f'dettall sostanzjali billi naqas li jiddikjara x-xorb in kwistjoni fuq id-dokument tad-Dwana Form 1C u dan ghaliex ma kienx preciz f'xi haga sostanzjali dwar l-oggetti kollha li kienu gew importati fit-*trailer* bin-Numru TR394;

Dan ix-xorb, li l-importazzjoni tieghu hija pprojbita u/jew ristretta, ghandu valur totali ta' Lm5,444.16,0 u Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammontaw ghal Lm13,055.28,0 u Lm2,774.91,6 rispettivament, fejn liema d-Dazju tas-Sisa u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati u dan bi ksur ta' l-Artikolu 80 tal-Att Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta' l-1998).

d. b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra, sabiex igeghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, bil-hsieb li jaghmlu qliegh b'qerq li jammonta ghal aktar minn Lm10,000 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u persuni ohra, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom bi ksur ta' l-Artikoli 41, 308 u 309 u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna l-konfiska tat-*trailer* TR 394, kif ukoll l-oggetti kollha ezebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba illi, f'kaz ta' htija, terz tal-piena ta' flus jitqies fuq talba tal-Prosekuzzjoni bhala dejn civili u ghandu jigi dikjarat mill-Qorti kompetenti fl-ghoti tas-sentenza li hu dovut u li ghandu jithallas lill-Gvern u ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti li

taghti s-sentenza bl-istess mod bhallikieku nghatat f'azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hati.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 69).

Rat il-Process Verbal bin-Numru 862/07 redatt mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona.[1]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 217 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 224) lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza ghan-nom tat-tliet imputati jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduti tas-7 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 238) u tal-31 ta' Jannar 2018 (*a fol.* 240), lid-difiza ghan-nom tat-tliet imputati jiddikjaraw li hadd mill-imputati ma kien ser jixhed f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2018 (*a fol.* 240), lid-difiza ghan-nom tat-tliet imputati jiddikjaraw li l-imputati kollha ma kellhomx provi xi jressqu f'dawn il-proceduri.

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali (*a fol.* 241).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imputat Josef Cassar pprezentata fit-8 ta' Gunju 2018 (*a fol.* 242 *et seq.*).

[1] *A fol.* 76 – *Envelope Loose.*

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imputat Mark Anthony Ferris ipprezentata fit-8 ta' Gunju 2018 (*a fol.* 249 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imputat Michael Debono ipprezentata fil-15 ta' Gunju 2018 (*a fol.* 261 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2007, xehed **Martin Debattista** (in rapprezentanza tal-Kontrollur tad-Dwana – *a fol.* 47 *et seq.*) fejn ikkonferma tliet dokumenti li huma *Letters to Prosecute* tal-Kontrollur tad-Dwana fil-konfront ta' tliet imputati li jinsabu *a fol.* 5 *et seq.*, *a fol.* 8 *et seq.*, u *a fol.* 11 *et seq.*. Ikkonferma li flimkien ma' dawn id-dokumenti hemm talba mill-Kontrollur tad-Dwana sabiex f'kaz li tinsab htija titqies bhala dejn civili. Ezebixxa, fost l-ohrajn, is-segwenti:

- *seizure note* numru 7/2002 mahruga f'isem Guido Vella fir-rigward tal-affarijiet tax-xorb misjuba fit-*trailer* (Dok. "MD" – *a fol.* 65 *et seq.*); u
- *seizure note* bin-numru 8/2002 f'isem Michael Debono ghan-nom ta' MD Trucking Limited (Dok. "MD 1" – *a fol.* 67).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014 (*a fol.* 210 *et seq.*), ghad-domanda: *"intom meta tohorgu Letter To Prosecute fir-rigward tax-xorb fl-'01 qeghdin nitkellmu, x'inhuwa d-dazju li japplika?"* (*a fol.* 210), wiegeb: *"Fl-'01 hemm id-dazju tas-Sisa"* (*a fol.* 210). Jghid li fuq l-alkohol xorb hemm id-dazju tas-Sisa.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2007, xehed ukoll **Frank Tartaglia** (*a fol.* 50 *et seq.*) fejn beda billi jispjega li jahdem fl-*Evaluation Section* tad-Dwana. Jghid li f'Gunju 2001 kienu ttiehdu xi flixken tax-xorb fl-*Enforcement Section* u dawn gew stmati hekk: *"Flixkun Amaretto tas-700ml ghamilnieh 49c, flixkun Fernet 700ml*

*Lm1.05, flixkun Cappuccino Romantico tas-700ml Lm1.56, flixkun Sambuca Bianca 700ml Lm1.12"* (*a fol.* 50). Jghid li Dok. "MD" (*a fol.* 65 *et seq.*), Dok. "MD 1" (*a fol.* 67) u Dok. "MD 2" (*a fol.* 68) jinhargu mil-*Legal Officer* fuq il-valuri li jaghti huma. Jghid li mbaghad jinhadem kemm irid jigi l-ammont ta' dazju u VAT.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014 (*a fol.* 207 *et seq.*), mistoqsi jghid minn fuq liema figuri hadem, wiegeb: *"Ahna kienu gabulna l-kampjuni ta' l-Enforcement Section, konna rajnihom u minn database li kellna tax-xorb ta' ovvjament l-istess kwalita' konna mxejna b'dawk il-valuri stabbiliti mid-Dipartiment"* (*a fol.* 207). Jispjega li d-*database* tigi aggornata perjodikament kuljum b'*the latest value*. Id-difiza qalet: *"Jiena l-problema taghna hija din, dana mhux kulhadd ibieghu bl-istess prezz, jigifieri inti d-database huwa approssimattiv"* (*a fol.* 208), wiegeb: *"Ahna fuq l-invoice kif jigi x-xoghol minn barra konna nimxu d-database"* (*a fol.* 208). Difiza: *"Mhux kulhadd jixtri bl-istess prezz. Inti meta tkun wholesaler tbiegh, jigifieri ara hux qed nifhem sew, inti fid-database taghkom ghandkom prezz ta' wholesaler kif jigi minn barra?"* (*a fol.* 208), wiegeb: *"No…value kif jigi minn barra, l-wholesaler ikollu l-prezz kemm hu ttoppjat bit-taxxi u ttoppjat anke bil-percentage"* (*a fol.* 208).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2007, xehdet ukoll l-**Ufficjal Prosekutur l-Assistent Kummissarju gia s-Supretendent Alexandra Mamo** (*a fol.* 52 *et seq.*) fejn spjegat li fis-6 ta' Gunju 2001 ghall-habta tan-12.30pm giet ikkuntattjata minn Ufficjali tad-Dwana fejn infurmawha li kien hemm allegat kaz ta' kuntrabandu gewwa l-*groupage* ta' Hal-Far. Tghid li giet infurmata wkoll li kien ghadu kemm instab xorb alkoholiku mghobbi fuq trakk u li kellu l-*cargo pass* li kien qed jiddikjara madum. Spjegat li marret fuq il-post fejn irrizultalha li t-trakk in kwistjoni kien hiereg minn Hal-Far Groupage Complex meta fuq suspett ragonevoli, l-ufficjali tad-Dwana waqqfu t-trakk u talbu sabiex jiccekkjaw il-*pass* mal-kontenut tat-trakk. Tghid li l-ufficjali msemmija sabu li minkejja l-*pass* kien qed jiddikjara illi t-trakk kellu l-madum, irrizulta li fuqu kellu xorb alkoholiku. Tghid li x-xufier tat-trakk qalilhom li bi zball kien qabad *pass* hazin u talabhom li jerga' jmur lura bit-trakk halli jgib il-*pass* it-tajjeb. Tkellmet mal-ufficjali tad-Dwana Christopher

Saliba u Carmelo Sammut u tghid x'qalulha. Tghid li l-*gate pass* kien qed jiddikjara 10 *pallets* madum pero' l-ufficjal Saliba nnota li fuq il-kaxxi tal-kartun li kien hemm fuq wara tat-trakk kien hemm *imprinted* il-flixken tax-xorb. Tghid li meta l-ufficjali msemmija telghu fuq it-trakk sabu li fuq it-trakk kien hemm ix-xorb alkoholiku. Tghid li meta Debono talab li jipproduci l-*gate pass* it-tajjeb, minuti wara, Gusto Debono kien mal-*gate* bi *trailer* differenti, it-*trailer* kien mikxuf u kien mghobbi *b'pallet* wahda u kellu madum. Tixhed li Saliba staqsa lil Debono fejn kien halla t-*trailer* li kien ser ihalli l-kumpless l-ewwel darba u Debono qalilhom li hallieh hdejn il-*bondage stores* tal-MD Trucking u qal li kien gibed it-*trailer* bi zball. Tghid li l-ufficjal tad-Dwana Saliba ssuspetta hazin u nforma lill-ufficjali tieghu ta' Hal-Far Groupage Point, is-sur Bugeja. Tghid li gew infurmati l-ufficjali tad-dwana imbaghad gew infurmati l-Pulizija. Tghid li mill-investigazzjoni rrizulta li l-MB Trucking Trailer TR 394 gie trasferit minn Laboratory Wharf ghal MB Bonage Stores gewwa Hal-Far fl-4 ta' Gunju 2001. Tghid li l-kontenut li kellu dan it-*trailer* sar fil-prezenza tal-*Lending and Releasing Officer* Godfrey Grima flimkien mal-*bond operator* Mark Anthony Ferris fis-6 ta' Gunju 2001. Tghid li Godfrey Grima qal li kien hemm emenda fuq il-manifest fis-sens li t-*trailer* in kwistjoni kellu 10 *pallets* Colli Wines and Spirits li kien konsenja ghal G Vella. Tghid li rrizulta li l-emenda saret wara illi l-*bond operator* Mark Anthony Ferris kien ipprezenta lill-ufficjal doganali Grima wara li kien rcieva *fax* mill-MD Trucking rigward l-10 Colli *glassware* u mhux *wines and spirits*. Tghid li gie nnutat li t-*trailer* TR 394 kien gie pparkjat biswit il-Bondage Stores ta' l-MD Trucking u li kien ghad hemm fuqu l-10 *pallets* merkanzija li kienet konsenja ghal Guido Vella ta' Guido Vella Cash and Carry ta' Hal-Qormi. Tghid li skond Ferris, din l-ahhar merkanzija kienet giet spezzjonata mill-ufficjali doganali u thalliet barra minhabba li ma kienx hemm spazju fil-*bondage stores*. Tghid li l-ufficjal doganali stqarr illi l-burdnar Josef Cassar ta' S&D Services ta' Haz-Zebbug kien prezenti waqt li kien qed isir it-*tallying* tal-merkanzija skond l-informazzjoni minn fuq il-*manifest*. Tghid li gie nfurmat il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Antonio Micallef Trigona li ordna li tinfetah Inkjesta Magisterjali. Tghid li minn tfittxija li saret fil-*bondage stores* tal-MD Trucking gie nnutat li l-*gate pass* b'10 *pallets* madum u li kellu l-istess entry R052608 kien

imqatta' bicciet f'*waste paper basket*. Tghid li l-imputati gew arrestati u li x-xorb alkoholiku kollu misjub fuq it-trakk kif ukoll it-*trailer* TR 394 gew maqbuda mill-ufficjali doganali u wara li nghaddew il-kaxxi nstab li kien hemm total ta' 412 il-kaxxa ta' xorb differenti skond kif jidher fuq il-karta tal-qbid. Tghid li l-imputati rrilaxxaw stqarrija kull wiehed, liema stqarrijiet gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "MAF" (*a fol.* 59 *et seq.*), Dok. "JC" (*a fol.* 61 *et seq.*) u Dok. "MD" (*a fol.* 63 *et seq.*). Tghid li eventwalment ittiehdu l-proceduri kriminali odjerni fil-konfront tal-imputati.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2008, xehed **Carmel Sammut** (*a fol.* 77 *et seq.*) fejn spjega li huwa Ufficjal tad-Dwana u jghid li dakinhar tal-akkadut kien *detailed* flimkien mal-kollega tieghu Chris Saliba gewwa il-Groupage Complex f'Hal-Far. Jghid li ghal xi l-11.30am gie *trailer* TR 394 bin-numru ta' registrazzjoni CBH 451 li kien misjuq minn burdnar li ma jafx x'jismu pero' jghid li huwa tal-kumpanija Lion. Jixhed li l-kollega Saliba mar jispezjona t-*trailer* imsemmi u Saliba gibidlu l-attenzjoni li l-kontenut ma kienx jaqbel mal-*gate pass* u mar jassistih. Jghid li filwaqt li l-*gate pass* kien jghid 10 *pallets ceramic tiles*, l-ewwel ma nnutaw kienet il-kelma Sambuca fuq kaxxa tant li meta nfethet kaxxa minnhom gie innutat li ma kienx hemm madum pero' kien fiha fliexken tas-Sambuca. Jghid li talbu d-dokumenti tad-dwana lix-xufier u li x-xufier ma kellux dawn id-dokumenti u li qalilhom li kellu biss il-*gate pass*. Jghid li x-xufier gie mibghut biex igib il-*pass* skond il-merkanzija li kellu u meta mar lura mar b'merkanzija differenti li kienet l-*pallet ceramic tiles*. Jghid li meta x-xufier gie mistoqsi jghid fejn kienu d-dokumenti relattivi ghall-ewwel *trailer*, wiegeb li dak ittiehed bi zball. Jghid li gew avzati s-superjuri taghhom. Ezebixxa rapport li gie mmarkat bhala Dok. "CS" (*a fol.* 82).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2008, xehed ukoll **Christopher Saliba** (*a fol.* 83 *et seq.*) fejn spjega li huwa jahdem bhala Ufficjal tad-Dwana u jghid li fiz-zmien mertu tal-proceduri odjerni kien *Senior Customs Assistant* u kien ghassa fil-*gate* ta' Hal-Far Groupage Bond flimkien ma' Charlie Sammut. Jghid li l-fizzjali tal-*landing* jaghtu l-*gate pass* lill-burdnara u huma jiccekkjaw li l-*gate pass* taqbel mal-affarijiet li hemm fuq it-trakk jew fuq it-*trailer*. Jiftakar li wasal trakk bin-

numru ta' registrazzjoi CBH 451 bi *trailer* TR 394, gie moghti d-dokumenti u gie nfurmat li kien hemm *pallet* madum u hekk kif mar jittawwal ra li kien hemm aktar minn *pallet*, ra sinjali ta' fliexken impingija fuq il-kaxxi u ra l-isem Sambuca, u meta gibed l-attenzjoni tax-xufier (li ma jiftakarx x'jismu) li dawk ma kienux madum, ix-xufier qallu li jahseb li kien qabad *trailer* bi zball u x-xufier qallu li kien ser imur ibiddlu. Jghid li wara ftit x-xufier gie bi *trailer* iehor li fuqu kien hemm *pallet* madum. Jghid li rraporta lil ta' fuqu b'dak li kien gara. Jghid li mit-tliet imputati kien hemm biss ix-xufier.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid ezatt x'jissejhu d-dokumenti li jinghataw, jghid: *"Mhux proprja gate pass jghidulu. Just id-dokumenti li jkunu hadu x-xoghol jigifieri li jkunu hallsu d-dazju u kollox hu"* (*a fol.* 87). Ikkonferma li x-xoghol tieghu kien sabiex jassigura li dak li kien jinhareg jaqbel mad-dokumenti li ghandhom in-nies biex ikun thallas id-dazju u l-VAT. Jikkonferma li qabel ma ssir din l-operazzjoni ta' konferma ma jkun jista' jinhareg xejn. Jghid li din il-procedura ilha u li hu ilu kwazi ghoxrin sena d-Dwana. Mistoqsi jghid jekk il-burdnar kienx ghadu l-ewwel gurnata ghax-xoghol jew jekk kienx ilu jmur xoghol, wiegeb: *"Ma nistax nghid"* (*a fol.* 88). Jghid li jafu u li kien rah qabel dakinhar. Mistoqsi jghid jekk kinitx it-tieni darba li kien rah, wiegeb: *"Ma nistax nghid hux plus li ahna ma nkunux dejjem l-istess post. Dakinhar xahar biss kont ilni hemmhekk jiena"* (*a fol.* 89). Jghid li t-trakk in kwistjoni kien miftuh bl-incirata. Jghid li ra zewg *pallets*. Jghid: *"Kemm hemm warajhom ma tkunx taf. Trid tkejjel biex tkun taf ezatt hux"* (*a fol.* 90).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2008, xehed ukoll **Anthony Cassar** (*a fol.* 92 *et seq.*) fejn spjega li huwa ufficjal tad-Dwana u jghid li fis-6 ta' Gunju 2001 kien jahdem fis-Sezzjoni tad-Dwana ta' Kontra l-Frodi. Jghid li wara li giet ricevuta telefonata minn ghand Euchar Bugeja, l-*officer in charge* tal-Hal-Far Groupage Complex, li seta' kien hemm attentat li tinhareg xi merkanzija mill-*gate*, mar flimkien ma' kollegi ohra tieghu. Jghid li l-gwardjani li kellem kienu Carmelo Sammut u Chris Saliba. Jghid li mar fejn it-*trailer* li gie nfurmat li kien ser jinhareg l-ewwel, li kien ipparkjat fejn il-*bond* ta' l-MD Trucking. Jghid li Ferris gie mistoqsi jghid x'kienet ir-raguni li

tnizzlu l-affarijiet kollha minn fuq it-*trailer* u parti mill-merkanzija baqghet fuqu u dan qalilhom li ma kienx fadallu spazju fil-*bond* u qallu li kellu hsieb li jhottu aktar tard matul il-gurnata u jdahhlu fil-*bond*. Jghid li meta ra t-*trailer* fuqu kellu il-kaxxi tal-liqueurs, jispecifika li kien hemm Sambuca u Fernet u li l-kaxxi kienu maghluqin. Jghid li fuq il-kaxxi kien hemm zewg *labels* u li x-xoghol kien indirizzat ghal Guido Vella ta' Hal-Qormi. Jghid li l-*bond operator* kien MD Trucking u r-rapprezentant taghha kien Ferris li kien qed jiehu hsieb il-*bond.* Jghid li go *dustbin* il-Pulizija sabu *pass* mqatta' li kien jghid ghaxar *pallets tiles*. Jghid li meta ngabar dan il-*pass* kien prezenti wkoll Ferris. Jghid li hu (Cassar) u l-kollega tieghu George Agius talbu lil MD Trucking jibghatilhom kollox relatat ma' dik il-merkanzija (mal-412 il-kaxxa liqueurs), jigifieri l-*invoices* u l-*manifest* tax-xoghol. Jghid li rcevew dawn id-dokumenti bil-fax. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "CA" (*a fol.* 101 *et seq.*), fosthom *gate pass* ta' sitta u hamsin (56) kaxxa *tiles* u il-"1C" *manifest* li ngabar minn Laboratory Wharf. Jghid li kien hemm *amendment* mibghut mill-MD Trucking u meta gie mistoqsi jghid meta sar dan l-*amendment*, wiegeb: *"L-amendment sar dakinhar stess qabel ma gie ttaljat ix-xoghol skond il-fizzjal tad-dwana"* (*a fol.* 98). Jghid li l-*head* taghhom Carmelo Portelli ddecieda li x-xoghol jigi mizmum u li t-*trailer* jigi mizmum u jigi mnizzel fil-*bond* tad-Dwana ghal iktar investigazzjoni.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2008, xehed ukoll **Romeo Dimech** (*a fol.* 118 *et seq.*) fejn spjega li huwa kien il-Fizzjal tad-Dwana li ddispjaca t-*trailer* taht is-sigilli minn Laboratory ghal Groupage Bond Hal-Far. Meta ra Dok. "IC" (*a fol.* 106) li jifforma parti minn Dok. "CA" (*a fol.* 101 *et seq.*) qal li dan jghajjat lil MD Trucking u jghid li huwa d-dokument ta' Groupage Container illi fuqu jaghmlu l-*counter signatures* taghhom u jnizzlu d-dettalji u b'hekk ikun jista' johrog minn Laboratory biex imur il-Groupage Bond. Jghid li huwa *trailer* TR 394 li nizel mal-Maltese Falzon, li jidher li dahal Hal-Far dakinhar tal-4 ta' Gunju 2001 fl-3.55pm bis-sigilli ntatti. Mistoqsi jghid kif tela' Hal-Far, jghid li ttiehed mill-burdnar bis-sigilli tad-Dwana. Jghid li tela' bil-burdnar biss ghax *"il-burdnar jigi ghalih bid-dokumentazzjoni, ikollu Form 1C"* (*a fol.* 121). Mistoqsi jghid x'kien il-kontenut tat-*trailer*, wiegeb: *"Ahna qabel ma jibda jhott il-vapur konna*

*naraw il-manifest. F'kaz illi t-trailer ikun dikjarat li ghandu certu merkanzija go fih specjalment high duty stores jew affarijiet ohra konna naghtuh dak li jghidulu special seal"* (*a fol.* 122). Mistoqsi jghid x'tip ta' kontenut hemm dikjarat fih it-*trailer*, wiegeb: *"Groupage cargo normali. Jiena bhala dispatch officer, hawn hekk jidher glass ware, spare parts […] u skond dan id-dokument ma jidhirx li fih merkanzija li titlob li jkollu special seal"* (*a fol.* 122). Mistoqsi jghid liema hi dik il-merkanzija li skond ir-regolamenti tad-dwana jkun mehtieg l-i*special seal*, wiegeb: *"High duty stores ezempju alkohol u sigaretti"* (*a fol.* 122). Mistoqsi jghid jekk skond dak id-dokument kienx hemm il-htiega ta' l-i*special seal*, wiegeb fin-negattiv. Meta mitlub jghid x'tirrikjedi d-Dwana rigward dawk il-merkanziji li jirrikjedu l-i*special seal* biex jitilghu Hal-Far, wiegeb: *"id-dwana tipprovdi d-dokumentazzjoni mimlija kif suppost bil-pass biex johrog mill-gate"* (*a fol.* 123).

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Frar 2012, xehed **PS 1261 Charles Pace** (*a fol.* 158 *et seq.*) fejn ikkonferma bil-gurament ir-relazzjoni tieghu li tinsab *a fol.* 9 tal-Process Verbal (*a fol.* 76 – *Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Frar 2012, xehed ukoll **Godfrey Grima** (*a fol.* 160 *et seq.*) fejn spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Principal mad-Dwana. Jghid li fiz-zmien mertu tal-proceduri odjerni kien il-Groupage Complex f'Hal-Far u li xoghlu kien fizzjal tad-dwana u kien inkarigat li jkun il-bond ta' l-MD Trucking u kien mar it-*trailer* biex jiccekkjah biex jinhatt. Jghid li, jekk mhux sejjer zball, il-*bond operator* tal-MD Trucking kien l-imputat Michael Debono. Jghid li meta nfetah it-*trailer* in kwistjoni, hu (Grima) iccekkja li l-affarijiet li kienu gol-*container* kienu jaqblu mal-*manifest*. Jghid li kienu jaqblu. Identifika l-firma tieghu fuq dokumenti *a fol.* 108 u 109. Jghid li dawn huma l-*manifest*. Jghid: *"U l-firem l-ohrajn, din tal-bond operator, Mark nahseb u jew Debono jew Ferris ma nafx"* (*a fol.* 161). Jghid li kemm id-Dwana kif ukoll l-agent ikollhom il-*manifest*. Jghid li f'dan il-kaz l-agent kien l-MD Trucking. Jghid ukoll: *"U niftakar li qabel ma ftahna l-container, kien hemm xi ten pallets glassware u peress illi jkun sar il-manifest qabel ma tghabba x-xoghol, gibidli l-attenzjoni l-bond operator, li bhal speci dawk ma kienux imnizzlin fil-manifest u ahna l-procedura hija qabel ma tiftah il-container, kellimt lill-officer in charge*

*tieghi. Tal-MD baghtu emenda l-ufficju fejn nahdem jien Hal-Far u d-dwana, fejn iddikjaraw li hemm dawk l-ghaxar pallets fit-trailer"* (*a fol.* 162). Jghid li l-*manifest* gie emendat u ra l-kitba tieghu fuqu. Jghid: *"Dik wara li nkunu mbaghad ttaljajt kollox, jiena peress li tkun dahlet dik l-emenda, irrid ninnotha li saret dik l-emenda"* (*a fol.* 162). Jghid li l-agent jibghatha lill-Principal tieghu (ta' Grima). Jghid li mar ghand l-*officer in charge* li jircieha bil-*fax* u tahielu hu (lil Grima). Jghid li l-*officer in charge* kien Euchar Bugeja. Jghid li huwa ra l-*glass ware* minn barra. Jixhed li ra l-ghaxar *pallets* pero' jghid li ma kienx prezenti meta nfethu l-kaxxi. Mistoqsi jghid min kien prezenti waqt it-*tallying* apparti l-ufficjali tad-Dwana, jghid li kien hemm it-tliet imputati, fejn filwaqt li Cassar kien il-burdnar, Michael Debono huwa tal-MD Trucking, u Mark Ferris huwa l-*bond operator*. Jghid li kif ittalja kollox, dawwar il-*manifest* u telaq l-ufficju.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2012, xehed **George Agius** (*a fol.* 167 *et seq.*) fejn spjega li fiz-zmien tal-akkadut kien Fizzjal tad-Dwana jassisti lill-iSpettur Anthony Cassar. Jghid li gew infurmati li waqt il-hrug ta' xi merkanzija l-gwardjani ma qablux mal-*pass* li gie provdut ghall-merkanzija li qed jaraw. Jghid li marru Hal-Far Groupage Bonds fejn kompla jassisti lill-iSpettur Cassar ghand MD Trucking. Jghid li kien hemm prezenti l-imputat Ferris li kien il-*bond operator* dak il-hin. Meta ra dokumenti 11 u 12 *a fol.* 116 u 117 qal li kien qed jara l-firma tieghu fejn turi l-ghadd ta' affarijiet u ra wkoll il-firma ta' Michael Debono bhala proprjetarju ta' MD Trucking. Jghid li Michael Debono kien prezenti waqt dan l-ezercizzju.

In <u>kontro-ezami</u>, ghad-domanda: *"Meta mort hemmhekk fuq il-post Michael Debono kien hemmhekk mieghek, sibtu hemmhekk jew inkella gie wara ghax sejjahtulu?"* (*a fol.* 169), wiegeb: *"Ma nafx nirrispondik"* (*a fol.* 169).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2013, xehed **Rueben Vella** (*a fol.* 186 *et seq.*) fejn spjega li jbieghu x-xorb taht l-isem *Giudo Vella Cash & Carry*. Jghid li jaf lill-imputat Josef peress huwa klijent regolari tal-hanut. Jghid li liz-zewg imputati l-ohra jafhom li huma ta' kumpanija tax-*shipping* pero' jghid li qatt ma kien jafhom personali.

Jghid li huma (Guido Vella) kellhom konsenja gejja mill-Italja li kienet tikkonsisti f'xorb, alkohol. Jghid li l-process ta' l-importazzjoni kien qed jaghmlu Josef peress li hu (Vella) kien tkellem mieghu pero' jghid li kienu huma (Vella) li ordnaw u hallsu l-pagamenti. Mistoqsi jghid min kien ha hsieb id-dokumenti ghall-importazzjoni u min kien jiehu hsieb il-hlasijiet, wiegeb: *"Ahna dak iz-zmien konna qabbadna lil burdnar qed tifhem u kif hdimna regolari maghhom qed tifhem, tajnih id-dokumenti biex jghaddu l-affarijiet b'procedura normali"* (*a fol.* 187). Jghid li l-burdnar kien l-imputat Josef. Jghid li l-kuntatti ghan-nom tal-kumpanija kienu jiehdu hsieb huma (Guido Vella). Jixhed li sar jaf li waslet il-konsenja minn ghand l-Awtoritajiet tad-dwana u li rrizulta li l-konsenja giet qabel iz-zmien li kienu qed jistennewha u kienet ha tigi mahruga. Jghid li hu ma marx fuq il-post pero' marret martu, Romina Vella. Mistoqsi jghid fiex kienet tikkonsisti l-konsenja, wiegeb: *"Il-kumpanija kienet Francoli minghalija u x-xorb kien xi liqueur San Maretto, Fernet, Sambuca, dawk"* (*a fol.* 188). Jghid li maghhom kien hemm ukoll xi konsenja tazzi.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2013, xehdet ukoll **Romina Vella** (*a fol.* 190 *et seq.*) fejn spjegat li kienet tiehu hsieb l-*accounts* tal-kumpanija *Guido Vella Cash & Carry*. Tghid li taf lill-imputat Josef peress li habib ta' zewgha. Tghid li ma tafx liz-zewg imputati l-ohra. Tispjega li zewgha ta l-ordni, hi baghtet *fax* barra minn Malta biex tibghat l-ordni liema ordni kienet ta' alkohol (u ssemmi Sambuca, Grappa) lil Signor Marcetti l-Italja. Tghid li tigi mibghuta lilhom (lil Vella) *inform invoice* biex jaghmlu l-pagament. Ikkonfermat li marret il-Bond f'Hal-Far u tghid li x-xorb ma ratux. Tixhed li giet mitkellma barra kemm mill-Pulizija u kif ukoll mill-Ufficjali tad-Dwana. Ma tiftakarx x'qalulha. Tiftakar li rat lil Josef. Mistoqsija tghid jekk fuq dakinhar ratx l-importazzjoni, tghid: *"Le ma jidhirlix"* (*a fol.* 192). Imbaghad tghid: *"Ma niftakarx"* (*a fol.* 192). Ghad-domanda tal-Qorti: *"Jista' jkun hemm xi haga ohra li ma ordnajtux intom imma kienet qieghda hemm xorta?"* (*a fol.* 193), wiegbet: *"Jista' jkun, imma ahna ma ordnajniex"* (*a fol.* 193). Meta regghet giet mistoqsija: *"Kien hemm xi haga ohra apparti dak li inti ordnajt?"* (*a fol.* 193), wiegbet fin-negattiv.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to*

*leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li dakinhar tas-6 ta' Gunju 2001 kien ser johrog *trailer* bin-numru TR 394 mill-*gate* tal-*groupage complex* ta' Hal-Far u gie pprezentat *pass* li ma kienx jikkorrispondi max-xoghol mghobbi got-*trailer*. Meta l-Pulizija accediet fuq il-post, cioé fil-*bonded store* tal-MD Trucking gewwa l-*groupage bond*, instab il-*trailer* bin-numru TR 394 mghobbi b'ghaxar *pallets* xorb destinati ghal *Guido Vella Cash and Carry* ta' Hal-Qormi. Jirrizulta li t-*trailer* gie mwaqqaf mill-gwardjani tad-Dwana u meta nfetah nstabu fuqu x-xorb imsemmi u dan minkejja li l-*gate pass* kien qed jiddikjara li t-trakk kellu ghaxar *pallets* madum. Jirrizulta li dakinhar tas-6 ta' Gunju 2001 il-*bond operator* kien Mark Anthony Ferris. Jinghad mill-Prosekuzzjoni li minn tfittxija li saret fil-*bondage stores* tal-MD Trucking li l-*gate pass* b'ghaxar *pallets* madum kien imqatta' bicciet f'*waste paper basket*.

Illi minkejja li dakinhar tas-6 ta' Gunju 2001 infethet Inkjesta Magisterjali, din giet mitluba biex tinghalaq mill-Ufficjal Investigattiv. Kien biss wara kwazi tliet snin li gew intavolati l-proceduri kriminali odjerni fil-konfront tat-tliet imputati.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tghaddi sabiex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser taghmel xi konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-istqarrijiet rilaxxati mit-tliet imputati. Jirrizulta li dawn l-istqarrijiet (Dok. "MAF" (*a fol.* 59 *et seq.*), Dok. "JC" (*a fol.* 61 *et seq.*), u Dok. "MD" (*a fol.* 63 *et seq.*)) gew rilaxxati f'Gunju 2001 u ghalhekk fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-Pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg vs. Malta**, gie ritenut hekk:

> *"The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56;* ***Navone and Others v. Monaco****, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013;* ***Brusco v. France****, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and* ***Stojkovic v. France and Belgium****, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example,* ***Dayanan v. Turkey****, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009;* ***Yeşilkaya v. Turkey****, no. 59780/00, 8 December 2009; and* ***Fazli Kaya v. Turkey****, no. 24820/05, 17 September 2013).*
>
> *[…]*
>
> *It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)".*

Illi f'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea kkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi fis-sentenza moghtija fil-25 ta' Frar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxata minnu fis-sena 2002, *stante* illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li

rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rriferiet ukoll ghall-kaz ta' **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs. Ukraine**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

> "allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-Artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma jkunx hemm disposizzjoni *ad hoc* li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li jsehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma jkun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Navone vs. Monaco**, instab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kinitx tippermettieha. (Ara wkoll **Yesilkaya vs. Turkey** – 59780/00 08/12/2009, **Fazli Kaya vs. Turkey** – 24820/05 17/09/2015).
>
> Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6(3)[2] u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u d-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti mplikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed."

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet ukoll:

[2] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet **Dayanan vs. Turkey**, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.

"Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra l-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie ndikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Dimech vs. Malta**[3] fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setghetx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma ntemmux, madanakollu sahqet:

*"it cannot be entirely excluded that the Courts of Criminal Jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the Courts of Criminal Jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."*

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset ghalhekk illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Fil-kaz odjern, ghalhekk la darba l-istqarrijiet tal-imputati ttiehdu minghajr id-dritt ghall-parir legali in forza ta' restrizzjoni

[3] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

sistematika ta' dan id-dritt u la darba tali prova ttiehdet minghajr il-garanziji moghtija mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq ta' persuna akkuzata, dawn l-istqarrijiet ma jistghux jigu meqjusa bhala prova ammissibbli u kwindi l-Qorti ser tiskartahom. Naturalment, dan japplika wkoll ghal kull stqarrija li jkunu ghamlu l-imputati minghajr ma jkunu gew moghti dan id-dritt, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li jkunu ghamlu lill-Ufficjal Investigatur, fl-istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub ghaliex l-istess ragunament japplika ghal tali stqarrijiet ukoll. Fil-kaz odjern, ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta bhala inammissibli l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati kif ukoll ix-xiehda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr xi hadd mill-imputati waqt l-investigazzjoni.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati.

**<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>:**
Illi l-imputati kollha qed jigu akkuzati b'din l-imputazzjoni li temergi minn Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu jirrigwarda dikjarazzjoni falza jew taghrif falz.

Illi l-Qorti tinnota li fid-decizjoni moghtija fl-4 ta' Gunju 2008 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton Vassallo**, il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha s-segwenti xi tghid:

> "Ir-reat deskritt fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 jikkontempla forma ta' falsita` ideologika filwaqt illi dak imsemmi fl-Artikolu 189 jikkontempla forma ta' falsita` materjali.
>
> Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Galea** moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku: *"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-*

*sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non é veridico, perché colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".*

*Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."*

Fil-kaz in ezami, kwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-appellant ma kien mitlub qatt jaghmel dikjarazzjoni, stqarrija jew jaghti taghrif f'dokument mahsub ghal awtorita` pubblika. Kwantu mbaghad it-tielet imputazzjoni, minn imkien ma jirrizulta illi n-*number plates* kienu ffalsifikati (ara wkoll fl-istess sens Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Elton George Spiteri**, 23 ta' Marzu 2007)".

Illi mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Iz-zewg ufficjali tad-Dwana Carmel Sammut u Christopher Saliba xehdu li meta x-xufier gie mistoqsi jghid fejn kienu d-dokumenti relattivi ghat-*trailer* li fuqu kien hemm ix-xorb, dan qal li kien ha zball. *Da parte* tieghu Christopher Saliba xehed li x-xufier

qal li kien ser ibiddel it-*trailer* tant li wara ftit hin mar bi *trailer* bil-madum.

- Minn tfittxija li saret fl-i*stores* tal-MD Trucking instab *gate pass* li kien jiddikjara ghaxar *pallets* madum liema *gate pass* kien imqatta' bicciet f'*waste paper basket*. Minkejja li fl-Inkjesta Magisterjali gie appuntat Ivan Formosa dan baqa' qatt ma pprezenta r-rapport tieghu, la fil-Process Verbal u anqas wara li gew intavolati l-proceduri odjerni.

- L-Ufficjal tad-Dwana Anthony Cassar xehed rigward l-*amendment* mibghut mill-MD Trucking. Meta gie mistoqsi jghid meta sar dan l-*amendment*, wiegeb: *"L-amendment sar dakinhar stess qabel ma gie ttaljat ix-xoghol skond il-fizzjal tad-dwana"* (*a fol.* 98).

- Ma jirrizulta minn imkien li l-formola Form 1C giet intuzata b'mod qarrieqi. Apparti minn dan, jirrizulta li kien hemm *gate pass* ghal madum.

Wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni x'inhuma l-elementi sabiex tinsab htija taht Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li xi hadd mill-imputati jista' jitqies li huwa hati taht l-Artikolu tal-ligi msemmi. Minn imkien ma jirrizulta li xi hadd mill-imputati ghamel dikjarazzjoni falza kif provdut f'Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ma jirrizultax li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront l-imputati giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati ser jigu liberati mill-imsemmija imputazzjoni.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>:**
Illi din l-imputazzjoni giet maghmula ghan-nom tal-Kontrollur tad-Dwana. Filwaqt li l-ewwel parti tal-imputazzjoni msemmija hija attribwita ghall-imputati kollha, it-tieni parti hija attribwita biss lill-imputat Ferris u t-tielet parti hija attribwita biss lill-imputat Michael Debono.

Illi f'dawn il-proceduri xehed Martin Debattista in rapprezentanza tal-Kontrollur tad-Dwana fejn ikkonferma l-*Letters to Prosecute* (*a fol.* 5 *et seq.*, *a fol.* 8 *et seq.*, u *a fol.* 11 *et seq.*) fir-rigward tal-imputati kollha.

Illi minkejja l-izball li jinghad li ttiehed mix-xufier kif imsemmi hawn fuq, minkejja l-*gate pass* mqatta' li nstab u minkejja l-*amendment* li rrifera ghalih l-Ufficjal tad-Dwana Anthony Cassar, ma jirrizulta minn imkien li xi hadd mill-imputati ttenta jahrab d-Dazju tas-Sisa jew it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovuta. Illi mehud dan in konsiderazzjoni u minkejja l-involviment (*o meno*!) li kellhom it-tliet (3) imputati fir-rigward tal-mertu tal-kawza odjerna, minn imkien ma jirrizulta li kellhom fil-hsieb taghhom li jwettqu dak li qed jigu akkuzati bih taht it-tieni (2) imputazzjoni.

Illi, fir-rigward ta' dik il-parti tat-tieni (2) imputazzjoni li taghmel riferenza biss ghall-imputat Ferris (u cioé li naqas li jiddikjara x-xorb in kwistjoni u kif ukoll fir-rigward il-hrug tal-*Gate Pass Out*, liema *pass* kien juri *tiles* minflok xorb), il-Qorti tinnota li minn imkien ma tirrizulta x-xjenza ghal dak li qed jigi akkuzat bih l-imputat Ferris f'din il-parti tat-tieni (2) imputazzjoni. L-istess japplika fir-rigward ta' dik il-parti tat-tieni (2) imputazzjoni li taghmel riferenza biss ghall-imputat Debono (u cioé li kien falz f'dettall sostanzjali billi naqas li jiddikjara x-xorb in kwistjoni fuq id-dokument tad-Dwana Form IC ghax gie akkuzat li ma kienx preciz f'xi haga sostanzjali dwar l-oggetti kollha li kienu gew importati fit-*trailer*).

Illi, tenut kont ta' dan kollu, ma jirrizultax li t-tieni (2) imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati kollha ser jigu liberati mill-imsemmija imputazzjoni (inkluz dawk il-partijiet addebitati biss lill-imputati Ferris u Debono).

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>:**

Illi din l-imputazzjoni giet maghmula ghan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Filwaqt li l-ewwel parti tal-imputazzjoni hija attribwita ghall-imputati kollha, it-tieni parti hija

attribwita biss lill-imputat Ferris u t-tielet parti hija attribwita biss lill-imputat Michael Debono.

Illi minkejja li l-atti processwali jikkontjenu tliet *Letters to Prosecute* ghan-nom tal-Kummissarju tal-VAT (*a fol.* 14 *et seq.*, *a fol.* 16 *et seq.*, u *a fol.* 18 *et seq.*) fir-rigward ta' tliet persuni li l-konnotati taghhom huma identici ghal dawk tat-tliet imputati fil-kawza odjerna, dawn il-*Letters to Prosecute* qatt ma gew konfermati bil-gurament minn rapprezentant tad-Dipartiment koncernat.

Apparti minn dan, ma xehed l-ebda ufficjal tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud biex jikkonferma l-kalkoli maghmula ta' x'kien l-ammont allegatament dovut lill-istess Dipartiment.

Illi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet, inkluz dawk li saru fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni hawn fuq, minn imkien ma jirrizulta li t-tliet imputati wettqu dak li qed jigu akkuzati bih taht it-tielet (3) imputazzjoni.

Illi, fir-rigward ta' dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni li taghmel riferenza biss ghall-imputat Ferris u ta' dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni li taghmel riferenza biss ghall-imputat Debono, ghall-istess ragunijiet indikati hawn fuq fit-tieni (2) imputazzjoni, ma jirrizulta xejn minn dak akkuzati bih.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, ma jirrizultax li t-tielet (3) imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati kollha ser jigu liberati mill-imsemmija imputazzjoni (inkluz dawk il-partijiet addebitati biss lill-imputati Ferris u Debono).

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>:**
Illi l-imputati kollha qed jigu akkuzati b'attentat ta' dak li jiddisponu Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (li jirrigwarda "Frodi b'eghmil qarrieqi") u Artikolu 309 tal-Kapitolu msemmi (li jirrigwarda "Kazijiet ohra ta' qligh b'qerq").

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel taghmel xi konsiderazzjonijiet legali rigward Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioé bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat u cioé l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat:

> *"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […]*
>
> *Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 430 tal-Codice delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Codice delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […].*
>
> Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.
>
> Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew
b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c) ta' kwalifiki foloz jew
d) billi jinqeda b'qerq iehor u
e) ingann jew
f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g) jew ta' hila;
h) setgha fuq haddiehor jew
i) ta' krediti immaginarji jew
j) sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

[...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. […]

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza* ***Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech*** *(03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario*

*quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede"".*

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali iccitat lill-Imhallef Guzé Flores fejn qal illi:

*"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene".*

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

*"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat tal-frodi baqghu nvarjati fiz-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu *"I tre momenti di cui si compone il reato é cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione Penale Sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179)*

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

> *"L'agente [...] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Issa, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-esposizzjoni legali tar-reat ta' frodi kif indikat hawn fuq u wara li kkunsidrat dak li jirrizulta mill-atti processwali u li gie espost hawn fuq f'din is-sentenza, il-Qorti tinnota li minn imkien ma jirrizulta li xi hadd mill-imputati ghamel xi tentattiv *ai termini* ta' Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn imkien ma jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-imputati ttentaw jaghmlu att ta' frodi u minn imkien ma jirrizulta li kellhom intenzjoni li jaghmlu xi qliegh iehor b'qerq.

Ghaldaqstant isegwi li anke r-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputati ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati ser jigu liberati minnha wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti setghet biss tispekula dwar jekk xi hadd mill-imputati kellux xi involviment b'dak li huma gew akkuzati bih f'dawn il-proceduri, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Dak li jirrizulta mill-atti processwali jista' jindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

Illi, mehud dak kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputati humiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputati.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati kollha ser jigu liberati mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront taghhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputati Mark Anthony Ferris, Michael Debono u Josef Cassar hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u b'hekk tilliberahom minnhom.

Finalment, il-Qorti tichad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' konfiska u dejn civili liema talbiet saru fic-*charge sheet*, u dana *stante*

li l-imputati kollha gew liberati mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**